**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 25 ta' Gunju 2018**

Numru 1

**Rikors Nru. 68/2017**

**Angelo Zahra**
**vs**
**L-Avukat Generali, il-Kummissarju tat-Taxxi,**
**il-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tat-28 ta' Awwissu 2017 li jghid hekk:

Illi kif jirrizulta mil-anness affidavit markat VAT01 ezebit fl-atti tal-process Rikors Numru 62/15MH Angelo Zahra v L-Onorevoli Prim Ministru et, l-esponent gie kastigat b'penali amministrattivi u imghax punittiv elevatissimu minhabba ksur ta' ligi tal-VAT.

Illi huwa pacifiku illi ghal nuqqas ta' hlas ta' taxxa ta' EUR63,645, l-esponent gie kastigat b'late return penalty ta' EUR16,541 u 'short payment penalty' ta' EUR103,682. Di piu skattaw anke imghaxijiet b'rati punittivi tant illi l-imghax akkumula ghas-somma ingenti ta' EUR94,389 u fuqhom.

Illi ghalhekk ghal nuqqas ta' hlas ta' taxxa ta' 63,645.23, l-esponent gie kastigat b'penali u imghax punittiv ta' EUR214,612, cioe, b'kollox, mizuri fiskali punittivi ta' 337% u fuqhom tal-ammont mhux imhallas.

Illi bhala parti mill-proceduri sabiex jigbor it-taxxa u mizuri il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kien anke iskriva privilegg kontra ir-rikorrent personalment (annessa markata VAT02) u tali iskrizzjoni irrizultat f'interferenza illegali fid-dritt tal-esponent illi jgawdu il-proprjeta tieghu.

Illi, sopra corna bastonate, l-esponent intbaghat wkoll il-habs ghan-nuqqasijiet tieghu u recentement il-Qorti Kostituzzjonali sabet illi s-sentenzi tal-Qrati Kriminali illi ikkastigaw lill-esponent kienu kontra l-ligi u hassrithom (Rikors numru 62/15MH Angelo Zahra v L-Onorevoli Prim Ministru, l-Avukat Generali, Kummissarju tat-Taxxi u l-Kummissarju tal-Pulizija).

Illi, dan l-ahhar, fil-kawza fl-ismijiet Anthony P. Farrugia v L-Onorevoli Prim Ministru et (Rik Nru 8/11JRM) il-Qorti Kostituzzjonali issentenzjat illi penali aministrattivi u imghax ta' generu IDENTIKU ghal dawk imposti fuq l-esponent kienu lezivi tad-dritt ghall-proprjeta.

Illi n-normi dwar il-penali amministrattivi huma regolati fl-artikoli 2, 31, 33, 34, 36, 37, 38, 40, 41, 42, 44, 58, 59, 67, 68 u 76 Att dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud, il-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta (fil-forma in vigore fiz-zmien relevanti).

Illi n-normi dwar l-imghax jinstabu fl-artikoli 21 u 67 tal-Att dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud, il-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta (fil-forma in vigore fiz-zmien relevanti).

Illi l-penali u imghax imposti fuq l-esponent halqu excessive burden fuq l-esponent ghaliex huma palezement sproporzjonati. Di fatti, fil-kaz odjern, l-imghax u l-penali, sal-gurnata tallum kibru b'mod zmizurat. L-immoralita intrinsika tal-imghax u r-regoli rigward id-dekors tieghu ghandhom element kbira ta' uzura.

It-talba tar-rikorrent
Ghaldaqstant u in vista tas-suespost l-esponenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi ghar-ragunijiet fuq esposti l-imghax u l-penali amministrattivi imposti fuq l-esponenti jiksru id-drittijiet u Libertajiet Fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta fl-Artikolu 37 (Protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjeta bla kumpens)
2. Tiddikjara illi ghar-ragunijiet fuq esposti l-imghax u l-penali amministrattivi imposti fuq l-esponenti jiksru id-drittijiet u Libertajiet Fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (tgawdija tal-proprjeta).
3. Tiddikjara illi ghar-ragunijiet fuq esposti id-disposizzjonjiet citati tal-Kap. 406 dwar l-imghax u l-penali amministrattivi (in vigore fiz-zmien relevanti) jiksru id-drittijiet u Libertajiet Fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (tgawdija tal-proprjeta).
4. Tikkancella u jew tnaqqas l-imghax legali u penali amministrattivi imposti fuq ir-rikorrent.
5. Thassar il-privilegg anness markat VAT02.
6. Tiffissa kumpens xieraq dovut lir-rikorrenti.
7. Taghti kull rimedju, direttiva u kumpens li jidhrilha xieraq.

Rat ir-risposta tal-intimati li tghid hekk:

(I) Illi in linea preliminari, l-azzjoni odjerna in kwantu r-rikorrent qed jillanja dwar l-imposizzjoni ta' multi amministrattivi u imghax hija res judicata bid-decizjoni tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali tat-18 ta' Lulju, 2017 fl-ismijiet Angelo Zahra v L-Onorevoli Prim Ministru et (Ref. 62/15MH);

(II) Illi in linea preliminari ukoll, l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija mhumiex il-legittimi kontradittur in kwantu l-imposizzjoni tal-multi amministrattivi u l-imghax gew imposti b'mod legittimu u gustifikat ai termini tal-Kap. 406;

(III) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrent kif dedotti fir-Rikors Promotur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti ragunijiet li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin;
(i) Illi effettivament, il-lanjanzi tar-rikorrent huma insostenibbli peress li l-multi amministrattivi u l-imghax in kwistjoni dovuti mir-rikorrent huma unikament il-konsegwenza tal-agir illecitu u n-nuqqas tieghu stess u certament mhumiex attribwibbli ghal xi nuqqas da parte tal-intimati stante li l-ammont ta' taxxa fuq il-valur mizjud li ma thallasx lid-Dipartiment kompetenti jirraprezentaw flus li gew mizappropriati mir-rikorrent stess stante li l-imsemmija taxxa kienet diga ingabret skont il-ligi minghand il-konsummaturi. Ghalhekk, il-multi amministrattivi u l-imghax li gew imposti fuq ir-rikorrent kienu l-konsegwenza tan-nuqqas tieghu li jottempera ruhu mad-disposizzjonijiet tal-Kap. 406; del resto kif kien obbligat li jaghmel;
(ii) Illi mhux minnu li l-provvedimenti tal-Kap. 406 jiksru d-drittijiet tal-proprjeta tar-rikorrent, stante li l-imsemmija provvedimenti mhumiex sproporzjonati. Illi effettivament, fil-Kap. 406 hemm rabta ta' proporzjonalita ragonevoli bejn il-mezzi uzati u l-ghan imfittex kif jehtieg l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Inoltre, l-esponenti intimati jirribattu li n-nuqqas ta' proporzjonalita allegata mir-rikorrent ma tissussistix u ghalhekk ma ghandu jkun hemm l-ebda excessive burden fuq ir-rikorrent;
(iii) Illi ghar-ragunijiet fuq premessi, l-intimati jirribattu li l-allegazzjonijiet tar-rikorrent huma insostenibbli u ghalhekk l-ebda rimedju u/jew kumpens mhu dovut lir-rikorrent; anke tenut kont tal-fatt li r-rikorrent diga inghata rimedju dwar l-istess fatti fil-kawza fl-ismijiet Angelo Zahra v L-Onorevoli Prim Ministru et (Ref. 62/15MH);
(iv) Inoltre, dato ma non concesso, li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li c-cirkostanzi tal-kaz jirraprezentaw ksur tad-drittijiet tar-rikorrent Zahra, fl-umli fehma tal-esponenti, dikjarazzjoni ta' ksur ghandha tkun sufficcjenti;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent kif dedotti fir-Rikors odjern stante li c-cirkostanzi odjerni ma jirraprezentaw l-ebda ksur tar-rikorrent ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjonali u/jew l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll; bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Rat l-atti, il-process allegat tal-kawza fl-ismijiet Angelo Zahra vs Prim Ministru et, u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz tal-kawza odjerna r-rikorrent qieghed jattakka l-imposizzjoni fuqu ta' penali amministrattivi u mghax mill-intimat Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, ai termini tal-ligi tal-VAT. Ir-rikorrent skonta wkoll sentenza ta' habs li l-Qorti Kostituzzjonali permezz tas-sentenza taghha tat-18 ta' Lulju, 2017, fil-proceduri li jgibu referenza 62/2015, iddikjarat li kienu kontra l-ligi u hassrithom. Fil-proceduri issa quddiem din il-Qorti, r-rikorrent jilmenta li l-penali amministrattivi u l-imghax impost fuqu holqu piz sproporzjonat tant li qieghed jitlob dikjarazzjoni ta' (i) ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu hekk kif sanciti permezz tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta (protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjeta bla kumpens); (ii) ksur tad-drittijiet u libertajiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti taht l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja (tgawdija tal-proprjeta); (iii) li varji disposizzjonijiet tal-Kap. 406 dwar l-imghax u l-penali amministrattivi, in vigore fiz-zmien relevanti jiksru drittijiet u libertajiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti taht l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja (tgawdija tal-proprjeta); (iv) li tikkancella jew tnaqqas l-imghax legali u l-penali amministrattivi imposti fuq ir-rikorrent; (v) li thassar il-privilegg impost fuq ir-rikorrent; (vi) li tiffissa kumpens xieraq fuq ir-rikorrent; u (vii) li taghti kull rimedju, direttiva u kumpens iehor li din il-Qorti jidhrilha xieraq.

Permezz tar-risposta taghhom l-intimati laqghu ghall-azzjoni tar-rikorrent billi in via preliminari qalu li (i) sa fejn ir-rikorrent qieghed jilmenta dwar l-imposizzjoni ta' multi amministrattivi u mghax, din il-materja hija *res judicata* bid-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tat-18 ta' Lulju, 2017 fl-ismijiet Angelo Zahra vs Prim Ministru et (Ref. 62/15MH); (ii) li l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija mhumiex legittimi kontraditturi, in kwantu l-imposizzjoni tal-multi u l-imghax gew imposti b'mod legittimu u gustifikat ai termini tal-Kap. 406; u (iii) li fil-mertu l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess risposta.

**Fatti**

Ir-rikorrent bhala direttur tal-kumpannija Stratford Company Limited gie mfittex personalment ghan-nuqqasijiet u pendenzi ta' taxxa fuq il-valur mizjud, li ilhom

ghaddejjin sa mis-sena 1996. Apparti l-hlas tat-taxxa fuq il-valur mizjud, l-intimat Kummissarju tat-Taxxi qieghed jitlob ukoll hlas ta' penali amministrattivi u mghax. Il-penali amministrattivi u l-imghaxijiet dovuti mir-rikorrent lill-intimat Kummissarju tat-Taxxi jirraprezentaw: *Late Return Penalty* li tiskatta bir-rata ta' 1% fix-xahar meta tigi sottomessa denunzja tardiva; *Late Payment Penalty* li tiskatta wkoll bir-rata ta' 1% fix-xahar meta l-pagament fuq id-denunzja jsir tardivament, u l-imghax b'rati li nbidlu mal-medda tas-snin, kif spjegat fl-affidavit ta' Joseph Attard esebit mar-rikors promotur.

Permezz ta' sentenza datata 27 ta' Novembru 2008 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, sabet lir-rikorrent hati tar-reat ta' approprijazzjoni indebita fis-somma ta' Lm 32,281.85 (€75,196.48), li hu kien gabar minghand terzi bhala VAT, liema ammont huwa naqas milli jhallas lill-Kummissarju tat-Taxxi. Huwa gie kkundannat piena ta' prigunerija ta' tlettax-il xahar sospiza ghall-perjodu ta' sentejn u gie wkoll ordnat sabiex fi zmien sitt xhur minn dik is-sentenza ihallas is-somma fuq indikata. Peress li r-rikorrent baqa' ma hallasx l-imsemmija somma, b'sentenza datata 18 ta' Dicembru 2009, il-Qorti tal-Magistrati ordnat li s-sentenza sospiza ta' tlettax il-xahar fil-konfront ta' Zahra tigi fis-sehh minn dakinhar. Konsegwentement huwa ddahhal fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin fit-18 ta' Dicembru 2009 u skonta s-sentenza fis-7 ta' Settembru 2010. Ghalkemm ir-rikorrent kien ressaq petizzjoni lill-President ta' Malta fejn talab li tinhafirlu s-somma dovuta minnu, fit-28 ta' Dicembru, 2009, kellu twegiba fis-sens li din it-talba ma gietx milqugha.

Mix-xhieda tar-rapprezentant tal-Awtorita ta' Malta ghas-Servizzi Finanzjarji rrizulta wkoll li d-Direttur ta' Stratford Company Limited huwa r-rikorrent u li l-kumpannija giet *struck off* b'effett mis-17 ta' Jannar, 2012, permezz ta' ordni ta' din il-Qorti, diversament preseduta li ordnat x-xoljiment u stralc tal-istess kumpannija, fejn gie mahtur ukoll Dr Peter Fenech bhala stralcjarju.

Permezz tas-sentenza tal-1 ta' Marzu, 2017, ta' din il-Qorti diversament preseduta, wara li r-rikorrent ressaq kawza kostituzzjonali, dik il-kawza giet deciza fis-sens illi filwaqt li ddikjarat li l-Prim Ministru ma kienx legittimu kontradittur f'dawk il-proceduri u lliberatu mill-osservanza tal-gudizzju, cahdet il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-intimati;

laqghet l-ewwel talba tar-rikorrent u ddikjarat li l-proceduri kriminali li ttiehdu fil-konfront tieghu u li gew decizi fis-27 ta' Novembru, 2008 u fit-18 ta' Dicembru, 2009, rispettivament, kienu lezivi tad-dritt fundamentali tieghu protett bl-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali; laqghet it-tieni talba u ddikjarat li bl-impozizzjoni ta' piena ta' prigunerija effettiva sehh ksur tal-principju tan-*ne bis in idem* u ghalhekk gie lez ukoll fil-konfront tieghu l-Artikolu 5 tal-istess Konvenzjoni; laqghet it-tielet talba u ddikjarat illi l-paragrafu 3 tal-Artikolu 83 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud [Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta] jikser l-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni; laqghet r-raba' talba u ordnat it-thassir tas-sentenzi kriminali fuq indikati, stante li l-proceduri kriminali kienu vjolattivi tal-Artikolu 4 fuq indikat; cahdet il-hames talba diretta biex jithassru l-multi amministrattivi u l-imghaxijiet relattivi; cahdet is-sitt talba diretta sabiex ir-rikorrent jinghata kumpens tal-vjolazzjoni subita minnu u, ordnat li l-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-intimati Avukat Generali, Kummissarju tat-Taxxi u l-Kummissarju tal-Pulizija *solidalment* bejniethom, filwaqt li l-ispejjez tal-Prim Ministru jaghmel tajjeb ghalihom ir-rikorrent.

Il-partijiet f'dik il-kawza ressqu zewg appelli u permezz tas-sentenza tat-18 ta' Lulju, 2017, il-Qorti Kostituzzjonali rriformat din l-ahhar sentenza billi laqghet l-appell tal-intimati limitatament billi rrevokat dik il-parti tas-sentenza appellata fejn gie dikjarat li l-Artikolu 83(3) tal-Kap. 406 kien leziv tad-dritt fundamentali tar-rikorrent protett bl-Artikolu 4 tas-Seba' Protokol tal-Konvenzjoni; rrevokat dik il-parti tas-sentenza appellata fejn giet michuda l-hames talba tar-rikorrenti diretta sabiex dan jinghata rimedju u minflok, ordnat li, apparti mit-thassir tas-sentenzi indikati r-rikorrent jinghata kumpens ta' elfejn euro (€2,000), liema ammont seta' jigi pacut *in parte* mal-ammont tat-taxxa dovuta u ordnat lill-intimati *in solidum* bejniethom ihallsu lir-rikorrent dan l-ammont; ikkonfermat s-sentenza ghall-bqija.

Il-proceduri odjerni gew intavolati fit-28 ta' Awwissu, 2017. Ikun xieraq li l-ewwel jigu trattati l-eccezzjonijiet preliminari mqajjma mill-intimati, dak dwar ir-*res judicata* u dwar il-legittimu kontradittur.

**Res Judicata**

Fl-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimati jinghad li, safejn ir-rikorrent qieghed jillanja dwar l-imposizzjoni ta' multi amministrattivi u imghax, hija res judicata bid-decizjoni tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali tat-18 ta' Lulju, 2017, fl-ismijiet Angelo Zahra vs L-Onorevoli Prim Ministru et (ref. 62/15 MH).

In tema legali jigi osservat li, meta l-Qorti tigi biex tezamina l-eccezzjoni ta' *res judicata,* kif ritenut mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza taghha tal-14 ta' Novembru, 2007, fl-ismijiet **Martin Gauci et v K.M.L. Manufacturing Limited:**

> Ma jidherx li huwa inopportun li jigi dejjem imfakkar illi l-exceptio judicati hija preskrizzjoni legali, u ghalhekk hija strictissimae interpretationis. Tant illi, kif jissokta jinghad, b' citazzjoni minn sentenza tal-**Qorti tal-Kassazzjoni ta' Palermo (3 ta' Marzu 1898)**, "la cosa giudicata deve risultare chiara ed evidente, e non desumersi da argomenti piu` o meno forzati, o da inesattezze affermate dal magistrato con poca ponderazione; e nel dubbio il giudice non deve propendere per la cosa giudicata". Ara d-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell, Sede Kummercjali, tal-5 ta' Novembru 1934 in re: "**Francesca Aquilina -vs- Neg. Giuseppe Gasan et**", mil-liema din is-silta hi mehuda. Taghlim dan ri-affermat b' approvazzjoni fis-sentenza ta' l-istess Qorti tal-5 ta' Ottubru, 1992 fil-kawza fl-ismijiet "**Dottor Jose` Herrera nomine -vs- Anthony Cassar et nomine.**

Dan minhabba l-eccezzjonalita taghha li xxellef il-principju li l-gudikat jaghmel stat ghal kull effett ta' ligi bejn il-partijiet.

F'materja ta' gudikat sabiex jigi determinat jekk dan kienx jezisti f'gudizzju precedenti jehtieg li jigu sodisfatti tliet rekwiziti oggettivi li jridu jikkonkorru:

(i) *eadem res*, jigifieri l-identita tal-oggett tal-gudizzju;

(ii) *eadem causa petendi*, jigifieri l-fatt guridiku li minnu jitwieled id-dritt reklamat;

(iii) *eadem personae*, jigifieri, li l-gudizzju jkun bejn l-istess partijiet u fl-istess kwalita.

Issa meta din il-Qorti ezaminat dawn ir-rekwiziti, issib ostakolu fir-rekwizit tal-*eadem res*. Dan jinghad peress li dan ir-rekwizit jimplika li l-oggett mitlub fit-talba l-gdida hu identiku ghal-talba precedenti li giet determinata minn sentenza li ghaddiet in gudikat. Meta wiehed jezamina il-pretensjonijiet tar-rikorrent imressqa permezz ta' l-azzjoni odjerna, isib li ghalkemm l-azzjoni tattakka l-imghax u l-penali amministrattivi, dan isir fl-ambitu tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-

Konvenzjoni Ewropea, filwaqt li dak li kien mitlub u jinsab deciz permezz tal-kawza li ggib referenza 62/2015, huwa fil-kuntest tal-ksur tad-drittijiet tar-rikorrent kif protetti taht l-Artikolu 4 tas-Seba’ Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 5 tal-istess Konvenzjoni. Fil-fatt il-Qorti Kostituzzjonali fl-imsemmija sentenza rriteniet:

> Fil-kaz odjern, dak li wassal ghal ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrent protett bl-Artikolu 4 fuq indikat, mhuwiex l-impozizzjoni tal-multi amministrattivi u tal-imghax relattiv, izda huma l-proceduri quddiem il-qrati kriminali li wasslu ghas-sejbien ta’ htija tieghu u l-kundanna tieghu ta’ tlettax-il xahar prigunerija, fl-istess zmien meta l-multi amministrattivi kienu diga’ gew imposti fuqu. Ghalhekk ir-rimedju ghandu jkun, mhux li jithassru l-multi amministrattivi u l-imghaxijiet fuqhom, izda li jithassru s-sentenzi moghtija mill-qrati kriminali ghax huma dawn li taw lok ghal ksur tal-artikolu fuq citat.

Fi kwalunkwe kaz, permezz tan-nota ta’ sottomissjonijiet taghhom, l-intimati ddikjaraw li mhux qeghdin jinsistu fuq l-ewwel eccezzjoni taghhom dwar *res judicata* kwindi din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-eccezzjoni.

**Legittimu Kontradittur**

Imiss li tigi trattata t-tieni eccezzjoni preliminari, dik fejn jinghad li l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija mhumiex legittimi kontradittur i, peress li l-imposizzjoni tal-multi amministrattivi u l-imghax saret b’mod legittimu u gustifikat ai termini tal-Kap. 406. Ghalhekk fil-fehma tal-intimati huwa bizzejjed li t-talbiet tar-rikorrent jitressqu biss fil-konfront tal-Kummissarju tat-Taxxi.

Izda r-rikorrent mhux qieghed semplicement jattakka t-thaddim tal-ligi izda essenzjalment jattakka wkoll il-kostituzzjonalita tal-Artikoli 2, 31, 33, 34, 36, 37, 38, 40, 41, 42, 44, 58, 59, 67, 68, 76, dwar il-penali amministrattivi u l-Artikoli 21 u 67 dwar l-imghax taht l-Att dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud (Kap 406 tal-Ligijiet ta’ Malta). Minn ezami tal-Art 181B(1) u (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, huwa evidenti li sa fejn ir-rikorrent qieghed jattakka kemm it-thaddim tal-ligi bl-imposizzjoni ta’ imghax u penali amministrattivi da parti tal-Kummissarju tat-Taxxi, kif ukoll id-disposizzjonijiet nnifishom tal-ligi (Kap. 406 tal-Ligijiet ta’ Malta), huwa ritenut opportun li l-Avukat Generali wkoll ikun parti minn din il-kawza, peress li l-intimati l-ohra ma jirrapprezentawx il-fergha legislattiva tal-Istat. Per konsegwenza, fid-dawl ukoll tal-gurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali, jkun opportun li l-Avukat Generali jibqa’ parti fil-kawza sabiex jirrapprezenta lill-Gvern f’dan il-qasam.

Issir referenza f'dan is-sens ghas-sentenzi moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali wara d-dhul fis-sehh tal-Att XXIV tal-1995, fejn kien stabbilit illi meta tkun qed tigi attakkata ligi, il-legittimu kontradittur f`isem il-Gvern huwa l-Avukat Generali. Hekk per ezempju fis-sentenza fl-ismijiet **Emmanuele Caruana et vs Onorevoli Prim Ministru et,** tat-30 ta` Ottubru 2015, **David Mifsud vs L-Onorevoli Prim Ministru et** deciza fl-24 ta' Gunju 2016, kif ukoll aktar recentement **Robert Ciantar vs L-Onorevoli Prim Ministru et** tat-30 ta` Settembru 2016, fejn inghad:

> … l-posizzjoni legali korretta hija dik enuncjata minn din il-Qorti f'diversi sentenzi citati fil-kawza fl-ismijiet **Emanuel Caruana et vs Il-Prim Ministru et**, fejn din il-Qorti osservat hekk:
> … din il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet Alfred Spiteri et vs Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta fejn din il-Qorti indirizzat il-vertenza kemm fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-artikolu fuq citat kif ukoll b'referenza ghal dak li jiddisponi l-Artikolu 242 indikat fis-sentenza appellata:
>
> ... l-Artikolu 181B tal-istess Kap. li huwa l-artikolu fil-kodici tal-procedura appozitament maghmul sabiex jirregola r-rapprezentanza tal-gvern fl-atti gudizzjarji ... jistipula b'mod car li rrapprezentanza tal-gvern hija vestita fil-kap tad-dipartiment koncernat kif ukoll, f'certu oqsma, fil-persuni indikati fil-proviso tal-istess artikolu, u fil-kazijiet li ma jaqghux taht l-ewwel sub-inciz, allura r-rapprezentanza tal-Gvern hija vestita fl-Avukat Generali …

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, jsegwi li sa fejn din l-eccezzjoni titratta l-presenza tal-Avukat Generali fil-kawza ma timmeritax li tintlaqa'.

Min-naha l-ohra, huwa meqjus li l-intimat Kummissarju tal-Pulizija ma ghandux ikun parti fil-kawza tal-lum, peress mhux inkarigat mill-amministrazzjoni tal-ligi li qeghda tkun qeghda tkun attakkata. Dan kien legittimu kontradittur biss fil-kawza l-ohra (li ggib referenza numru 62/2015) sa fejn kienu qeghdin jigu attakkati l-proceduri kriminali li ttiehdu fil-konfront tar-rikorrent bi ksur tad-drittijiet tieghu.

Ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, din it-tieni eccezzjoni tista' tintlaqa' biss fil-konfront tal-imharrek Kummissarju tal-Pulizija.

Imiss li jigi trattat il-mertu tal-ilment kostituzzjonali.

**Ksur tad-drittijiet u Libertajiet Fondamentali tar-rikorrenti kif protetti taht l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**

Fl-ilment kif imressaq mir-rikorrent jinghad li l-pretensjoni tieghu tissejjes fuq dik il-parti tad-disposizzjoni tal-ligi li titratta protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjeta bla kumpens, jigifieri taht is-subartikolu (1) (a) li jipprovdi:

> (1) Ebda proprjeta ta' kull xorta li tkun ma għandu jittiehed pussess taghha b'mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjeta ta' kull xorta li tkun ma ghandu jigi miksub b'mod obbligatorju, hlief meta hemm dispozizzjoni ta' ligi applikabbli ghal dak it-tehid ta' pussess jew akkwist –
>
> (a) ghall-ħlas ta' kumpens xieraq;

Jibda billi jinghad illi dan il-kaz jitratta taxxa dwar valur mizjud, li jfisser li l-flus migbura mir-rikorrent fil-kors tan-negozju tieghu, ma kenux hwejgu, izda taxxa li ngabret minnu f'isem l-erarju pubbliku, ai termini tal-ligi. Inoltre c-cirkostanzi tal-kaz kif esposti mir-rikorrent, kollha jitrattaw proceduri li ttiehdu ai termini tal-ligi, li l-ghan taghha huwa l-gbir u l-hlas tat-taxxa. Isegwi li jekk kemm-il darba ma jintweriex mir-rikorrent li dak li ntalab jew li thallas mir-rikorrent, ma kienx konformi ma' dak li jinghad fil-ligi, jiskatta l-provvediment li jinsab fid-disposizzjoni tal-Artikolu 37(2) tal-Kostituzzjoni, li jipprovdi:

> (2) Ebda haga f'dan l-artikolu ma ghandha tiftiehem li tolqot l-eghmil jew hdim ta' xi ligi safejn tipprovdi ghat-tehid ta' pussess jew akkwist ta' proprjeta -
> (a) bi hlas ta' xi taxxa, rata jew drittijiet; ...

Kwindi meta din il-Qorti tqis ic-cirkostanzi tal-kaz li jirrizultaw mill-atti, u tapplika l-konsiderazzjonijet hawn maghmula ghalihom, issib li r-rikorrent ma ppruvax li garrab ksur taht l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Dan jinghad ukoll a bazi ta' dak li nghad minn din il-Qorti diversament preseduta, fil-kawza fl-ismijiet **Robert Ciantar vs L-Onorevoli Prim Ministru et,** deciza fid-29 ta' Ottubru, 2015, li kienet titratta cirkostanzi simili ghall-kaz in ezami, fejn inghad:

> Il-Kap 406 jirregola l-gbir tat-taxxa fuq il-valur mizjud minghand persuni li jkunu registrati mad-Dipartiment tal-VAT li min-naha taghhom ikunu gabru t-taxxa minghand l-konsumatur sabiex ighadduha lill-Gvern. Ghalhekk il-persuna registrata mhijiex tohrog it-taxxa mill-flus taghha. It-taxxa migbura ma tkun qatt propjeta tal-persuna registrata. Il-multi u l-pieni amministrattivi huma mposti meta l-persuna registrata ma tosservax l-obbligi taghha skond il-ligi. Ghalhekk hija l-fehma ta` din il-Qorti illi d-disposizzjonijiet tal-ligi li dwarhom qieghed jilmenta r-rikorrent ma jistghux jitqiesu bhala mizura ta`

> tehid ta` proprjeta bla kumpens. Tajjeb jinghad ukoll illi l-hlasijiet tat-taxxa huwa specifikament eskluz mill-operat tal-Art 37(2)(a) tal-Kostituzzjoni. L-imghax u l-penalijiet twieldu mill-fatt li r-rikorrent ma hallasx taxxa li kellu jigbor minghand terzi ghall-Gvern.

Kif jirrizulta mis-sentenza finali tal-Qorti Kostituzzjonali tat-30 ta' Settembru, 2016, dik il-parti tas-sentenza appena citata, ma gietx appellata quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, kwindi tikkostitwixxi gudikat.

Isegwi li l-ewwel talba tar-rikorrent ma tistax tinlaqa' u ser tigi michuda.

**Ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali**

L-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi:

> Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi ipprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali.
>
> Izda d-dispozizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta` skond l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni.

Huwa ritenut pacifiku li l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu tal-Konvenzjoni huwa usa minn dak tal-Kostituzzjoni, in kwantu nghad li testendi sabiex thares it-tgawdija hielsa mill-persuna fuq il-possedimenti taghha u mhux biss il-harsien mit-tehid ta' pussess, kif mahsub fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Inoltrè, minkejja li fit-tieni paragrafu tal-artikolu in ezami jipprovdi ghall-eccezzjoni dwar il-gbir tat-taxxa, ghar-regoli elenkati fl-ewwel paragrafu, hu principju affermat mill-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, li fi kwalunkwe kaz, jibqa' essenzjali l-harsien tal-principju ta' proporzjonalita. Dan bejn fuq naha wahda l-interessi tas-socjeta in generali li jingabru t-taxxi dovuti u fuq in-naha l-ohra l-interess tal-individwu li ma jigix assoggettat ghal taxxi ezorbitanti. Ghalhekk ghalkemm Stat ghandu margini wiesgha ta' x'mizuri jimponi ghall-gbir tat-taxxa, dawn il-mizuri ghandhom ikunu fil-parametri tal-principju ta' proporzjonalita, liema principju huwa inerenti fil-Konvenzjoni kollha. F'dan is-sens hija s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali recenti fl-ismijiet **Anthony P. Farrugia vs L-Onorevoli Prim**

**Ministru et**, deciza fit-8 ta' Mejju, 2017, li kienet titratta mertu simili, fejn inghad ukoll:

> 48. Fil-kaz **Gasus Dosier vs The Netherlands** il-Qorti Ewropea, filwaqt li affermat il-principju li l-iStati Membri ghandhom margini wiesa' ta' apprezzament dwar il-mizuri addottati mill-awtoritajiet tat-taxxa fil-ligi domestika, xorta wahda osservat li dawn il-mizuri ghandhom jikkonformaw mal-principju tal-proporzjonalita. Di fatti f'dak il-kaz il-Qorti Ewropea ghamlet ezami ta' dan il-principju, ghalkemm sabet li fic-cirkostanzi ta' dak il-kaz il-principju tal-proporzjonalita` ma kienx gie vjolat. Hija relevanti l-osservazzjoni maghmula minn dik il-Qorti fir-rigward tal-mizuri addottati mill-iStati Membri ghall-gbir u enforzar tat-taxxi:–
>
> 66. Consequently a legislature may in principle resort to that device [mizuri ta' impozizzjoni ta' taxxi] to ensure, in the general interest, that taxation yields as much as possible and that tax debts are recovered as expeditiously as possible. Nonetheless, it cannot be overlooked that, quite apart from the dangers of abuse, the character of legislation by which State creates such powers for itself is not the same as that of legislation granting similar powers to narrowly defined categories of private careditors. Consequently, further <u>examination of the issue of proportionality is necessary in this case</u> (App nru 15375/89, 23/02/1995).

Jinhass opportun ukoll li ssir referenza ghal dak li jinghad minn **Karen Reid** fil-ktieb taghha **A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights** (3rd Edition, 2008) li jitratta proprju l-aspett tat-taxxa fil-qafas ta' dan l-Artikolu tal-Konvenzjoni in ezami, meta tghid:

> An individual's right to enjoyment of his property is accordingly subject to the State's right to assess, levy and enforce contributions by way of tax under the second paragraph of Art. 1 of the First Protocol. The provision is to be interpreted in the light of the underlying principle in the first sentence of the first paragraph ... Measures taken to ensure the payment of taxes, or prevent defaulting are generally found compatible with the second paragraph. <u>Consideration is given to whether the measure is of such a kind that it can reasonably be considered as necessary for the purpose and whether its application is grossly disproportionate</u> (pages 566-568).

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, imiss li jigi ezaminat dak li nghad mir-rapprezentanti tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud dwar kif gie kkalkolat il-bilanc dovut mir-rikorrent. Rilevanti hija x-xhieda permezz t'affidavit ta' Joseph Attard, Manager fis-sezzjoni Gbir tad-Dipartiment, li spjega t-thaddim tal-ligi, inkluz l-emendi li gew fis-sehh tul iz-zmien, kif ukoll esebixxa numru ta' dokumenti. Skont id-

dokumenti esebiti Stratford Co. Limited li taghha r-rikorrent huwa d-Direttur, ghandha taghti lid-Dipartiment il-bilanc li jirrizulta kif gej:

| *Perjodu* | *Taxxa Dovuta* | *Kreditu* | *Imghax* | *Late return Penalty* | *Short Payment Penalty* | *Bilanc* |
|---|---|---|---|---|---|---|
| VAT 1995 | Lm40,789.52 | Lm35,410.57 | Lm13,779 | | | Lm19,158.25 |
| CET | Lm25,576.09 | Lm10,718.27 | Lm26,638.01 | | | Lm41,495.83 |
| VAT 1999 | €63,645.23 | €978.34 | €94,389.16<br>€10,490.40 | €16,541.94 | €103,682.28 | €287,770.67 |

Fir-rigward tal-ewwel zewg partiti, (VAT 1995 u CET) Attard jispjega li bis-sahha tar-regolament numru 3 tal-Legislazzjoni Sussudjarja 406.18, l-imghax u l-penali amministrattiva ma baqghux jiddekorru fuq l-ammont ta' taxxa dovuta. Fir-rigward tal-VAT 1999, ir-rapprezentant tal-intimat jghid li l-penali u l-imghax fuq dan il-kont huma l-konsegwenza tan-nuqqas tar-rikorrent li jissottometti d-denunzji fil-hin bil-pagament iddikjarat minnu stess. L-istess xhud jghid ukoll is-segwenti:

> Illi dwar il-penali amministrattivi u imghax dovuti lill-Kummissarju tat-Taxxi nippreciza illi:
>
> **1.1.1 Late Return Penalty**
> Din il-penali tigi kkalkolata bir-rata ta' 1% fix-xahar tiskatta biss meta d-dununzja tardiva tigi sottomessa, u mhux qabel. Inoltrè mill-1 ta' Jannar tas-sena 2009 gie mizjud il-proviso tal-artikolu 38 (1) tal-Kap 406 li jipprovdi li f'kull kaz il-late return penalty hija capped ghal €250: "Izda meta t-taxxa pagabbli tkun inqas minn mitejn u hamsin euro (€250), dik il-penali amministrattiva ma ghandhiex teccedi l-ekwivalenti tat-taxxa pagabbli ghall-eqreb euro jew hamsin euro (€50), liema ammont ikun l-akbar, **u ma ghandhiex teccedi l-mitejn u hamsin euro [€250] f'kull kaz iehor.";**
>
> **1.1.2 Late Payment Penalty (Amministrattivament maghrufa bhala 'short payment penalty')**
> L-artikolu 27(4) tal-Kap. 406 qabel gie emendat permezz tal-Att XII tal-2004, kien jipprovdi li denunzja ta' taxxa ma tkunx meqjusa li ntbaghtet kemm-il darba il-pagament dovut fuqha ma jkunx thallas kollu, ossija jew ma jkunx sar ebda pagament jew ikun sar pagament parzjali biss. Anke f'dan il-kaz, il-late payment penalty kienet tigi kkalkolata bir-rata ta' 1% fix-xahar, madankollu l-proviso tal-artikolu 38 (1) tal-Kap 406 li dahal fis-sehh mill-1 ta' Jannar 2009 jipprovdi li f'kull kaz il-late return penalty hija capped ghal €250: "Izda meta t-taxxa pagabbli tkun inqas minn mitejn u hamsin euro (€250), dik il-penali amministrattiva ma ghandhiex teccedi l-ekwivalenti tat-taxxa pagabbli ghall-eqreb euro jew hamsin euro (€50) liema ammont ikun l-akbar, **u ma ghandhiex teccedi l-mitejn u hamsin euro [€250] f'kull kaz** iehor."
> Din il-penali llum inqatghat.

**1.1.3 Ir-rata ta' Imghax**

Ir-rata ta' imghax applikabbli sal-ahhar ta' Dicembru 2008 kienet bil-1% u bis-sahha tal-Att II tal-2009 naqset ghal 0.75% b'effett mill-1 ta' Jannar 2009. Bis-sahha tal-Att XIV tal-2013 l-artikolu 21 (4) tal-Kap.406 rega' inbidel b'dan illi l-Ministru inghata l-fakolta li jippreskrivi r-rata ta' imghax permezz ta' regolamenti taht l-Att. Effettivament, permezz tal-ligi sussidjarja 406.19, l-imghax applikabbli skond l-artikolu 21(4) tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud huwa bir-rata ta' zero punt hamsa erbgha fil-mija (0.54%) u dan b'effett mill-1 ta' Jannar 2014;

Meta din il-Qorti tikkonsidra biss il-pretensjonijiet tal-Kummissarju intimat fir-rigward tal-bilanc dovut bl-intestatura VAT 1999, jirrizulta li t-taxxa dovuta lill-Kummissarju intimat ghall-perjodu Jannar 1999 sa Dicembru, 2000, kienet dik ta' €63,645.23, l-imghax fuq dak l-ammont, il-late return penalty u s-short payment penalty komplessivament jammontaw ghal €224,125.44, li huma aktar minn tlett darbiet it-taxxa originarjament dovuta!

Ghalkemm kif jispjega r-rapprezentant tal-Kummissarju intimat, il-ligi nbidlet kemm fl-2009 bl-Att II tal-2009, kif ukoll fl-2014 permezz tal-Att XIV tal-2013, peress li ligi m'ghandhiex effett retroattiv, il-multi u l-imghaxijiet kif komputati qabel ma dahlu fis-sehh l-imsemmija emendi u kif imposti fuq ir-rikorrent fir-rigward tal-kumpannija gestita minnu baqghu l-istess, minkejja li f'ghajnejn din il-Qorti, jirrizulta car li huma mizuri sproporzjonati fil-konfront tar-rikorrent.

Kemm mix-xhieda ta' Joseph Attard, kif ukoll mill-affidavit ta' rapprezentant iehor tad-Dipartiment, Paul Scicluna, ssir enfasi li r-rikorrent kellu cans jibbenefika minn diversi skemi, fejn it-tnaqqis seta' sahansitra jilhaq 80% tal-penali u l-interessi. Izda kif jirrizulta mill-kontro-ezami ta' dan l-ahhar xhud, jinghad ukoll li ghalkemm l-iskema tinqasam f'erba' partijiet, bi skontijiet ta' 80%, 70%, 60% u 50%, dawn jiddependu mit-terminu li jintalab mid-debitur sabiex jithallas l-ammont kollu. F'kull kaz ghalkemm it-taxxa trid tithallas kollha, jitnaqqsu sostanzjalment il-penali amministrattivi, basta jsir hlas tat-taxxa kollha, anke permezz ta' hlasijiet bin-nifs. Ir-rikorrent ma bbenefika minn ebda skema simili, peress li qatt ma rregolarizza l-posizzjoni tieghu.

Din il-Qorti hija tal-fehma li l-imghax u aktar minn hekk il-multi amministrattivi huma tassew sproporzjonati ghall-ghan taghhom li jassikuraw il-hlas tat-taxxa dovuta lill-Kummissarju ntimat u qeghdin tabilhaqq jitfghu piz eccessiv u sproporzjonat fuq l-istat finanzjarju tar-rikorrent. (Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-11 ta' Jannar 2007, fl-ismijiet **Affaire Mamidakis vs Greece**, App 35533/04, citata fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ta' **Farrugia vs Onorevoli Prim Ministru**, citata qabel). Kwindi din il-Qorti ser tilqa' it-tieni talba tar-rikorrent billi tghid illi l-imghax u l-penali amministrattivi kif imposti fuqu jiksru l-principju ta' proporzjonalita fil-kuntest tal-Artikolu1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, peress li certament jaffettwaw il-possedimenti tar-rikorrent.

In kwantu fit-tielet talba tieghu r-rikorrent jitlob dikjarazzjoni li l-varji disposizzjonijiet tal-Kap. 406 citati minnu dwar l-imghax u l-penali amministrattivi (kif kienu in vigore fiz-zmien relevanti) jiksru id-drittijiet u Libertajiet Fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, huwa ritenut li l-konsiderazzjonijiet maghmula qabel taht it-tieni talba, japplikaw ukoll ghal din it-tielet talba, li fil-verita hija mfassla fuq l-istess artikolu konvenzjonali u ghalhekk timmerita li tintlaqa' sa fejn l-istess artikoli tal-ligi mponew piz sproporzjonat fuq ir-rikorrent. Ghalkemm jigi nnutat ukoll illi diversi provvedimenti jinsabu llum-il gurnata emendati kif rilevat mir-rapprezentant tal-intimat Kummissarju tat-Taxxi.

Fir-rigward tar-raba' talba fejn ir-rikorrent qieghed jitlob il-kancellament jew tnaqqis tal-imghax legali u penali amministrattivi imposti fuqu, huwa ritenut opportun li jkun hemm tnaqqis u mhux kancellament tal-imghax u penali amministrattivi. Ghalhekk filwaqt li l-imghax li ddekorra fuq il-bilanc dovut mir-rikorrent mis-sena 1995 'il quddiem ghandu jigi rivedut sabiex jigi ridott wara li tigi applikata r-rata vigenti mill-1 ta' Jannar, 2014, fil-kaz tal-penali amministrattivi imposti fuq ir-rikorrent minn Jannar 1999 'il quddiem, dawn ghandhom jigu ridotti ghar-rati vigenti mill-1 ta' Jannar, 2009 'il quddiem.

Konsegwentement, dan ghandu jkollu impatt ukoll fuq il-hames talba tar-rikorrenti fir-rigward tat-thassir tal-privilegg iskritt favur id-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, fejn fil-fehma tal-Qorti l-istess privilegg m'ghandux jithassar kif mitlub mir-rikorrent, izda l-ammont indikat taht l-intestatura "Kreditu" ghandu jigi ridott sabiex jirrifletti dak deciz minn din il-Qorti llum.

Rigward is-sitt u s-seba' talbiet tar-rikorrent, huwa ritenut li r-rimedju opportun ghall-vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll irriskontrat kif inghad qabel, ghandu jkun ir-riduzzjoni tal-multi u tal-imghaxijiet kif appena spjegat.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

Tastjeni milli tiddeciedi dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimati ta' *res judicata*;

Tilqa' it-tieni eccezzjoni limitatament billi filwaqt li tiddikjara l-Avukat Generali bhala kontradittur legittimu ghall-pretensjonijiet tar-rikorrenti, tehles lill-Kummissarju tal-Pulizija mill-osservanza tal-gudizzju;

Tichad l-ewwel talba tar-rikorrent safejn l-ilment tieghu huwa msejjes fuq l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;

Tilqa' t-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrent u ssib li bl-applikazzjoni tal-provvedimenti tal-Kap. 406 dwar l-imposizzjoni tal-imghax u l-penali amministrattivi, kif kienu fiz-zmien rilevanti, garrab ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

Tilqa' r-raba' talba limitatament safejn jintalab tnaqqis (u mhux il-kancellament) tal-imghax u l-penali amministrattivi u tordna li l-imghax u l-penali amministrattivi jigu komputati mill-gdid u konsegwentement jigu ridotti fuq ir-rati riveduti kif spjegat qabel;

Tichad il-hames talba, izda tordna tnaqqis fl-iskrizzjoni tal-privilegg, kif inghad;

Tipprovdi dwar is-sitt u s-seba' talbiet billi ssib li d-dikjarazzjoni u s-sejbien ta' ksur tad-drittijiet tar-rikorrent u r-riduzzjoni tal-imghax u l-penali amministrattivi, huma rimedju xieraq ghall-fini ta' din il-procedura.

Tordna li l-ispejjez kollha tal-kawza, hlief dawk tal-Kummissarju tal-Pulizija li ghandhom ikunu a karigu tar-rikorrent, ghandhom jithallsu bejn iz-zewg intimati l-ohra.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur